# L-ISTATWA U L-PEDESTALL TA' SANTA MARGERITA LI JINTUŻAW FIL-FESTI TA' BARRA.



Is-Sannatin minn dejjem kellhom għal qalbhom il-festa ta' Santa Margerita. Sena wara l-oħra kull ma jmur kienu jaraw x'jagħmlu ġdid biex ikomplu jkabbru l-festa. In-nar u l-baned ma kienu jonqsu qatt imma għall-festa tas-sena 1927 kellhom affarijiet speċjali. Iżżanżnu pedestall u statwa ta' Santa Margerita biex jintużaw fil-festi esterni, innu ġdid ta' Maestro Giuseppe Giardini Vella "Giovanette sull'arpa festante". F'din is-sena għal ewwel darba wkoll kienet inġabet il-banda La Stella biex idoqq anke lejliet il-festa. Kien is-Sibt 23 ta' Lulju.

Kien fi żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar li kien sar Arċipriet ftit tax-xhur qabel fi Frar tas-sena 1926. L-Arċipriet Cassar mill-ewwel intrefa b'ruħu u ġismu biex ikabbar il-festa. Billi huwa stess kien mastrudaxxa tajjeb u dilettant kbir tal-armar, beda jaħdem ħafna armar biex jintrama mat-toroq fil-ġranet tal-festa. Hekk kien iqatta l-ħin liberu tiegħu. Sa dak ż-żmien ftit li xejn kien għad hemm armar. Għall-festa tas-sena 1927 l-Arċipriet Cassar ħaseb biex jitlestew pedestall u statwa ġodda. Biex jaħdem il-pedestall ġie mqabbad Ġużeppi Agius magħruf aħjar bħala l-*brejbex*. Ġużeppi stinka biex ilesti dan ix-xogħol. Hu kien jaħdem l-injam ġewwa remissa qrib il-knisja f'ta Sannat stess. Id-disinn oriġinali jingħad li hu tal-pittur magħruf Guseppi Cali. Ġużeppi Agius imbagħad biddel xi affarijiet minnu u anke l-qisien. Il-pedestall kollhu bl-iskultura li hemm fuqu hu maħdum fl-injam. Għal ewwel snin, skond kif jidher mir-reġistri tal-parroċċa kien jiġi huwa stess biex jarmah. Il-pedestall kien ġie miżbugħ u rranġat fis-sena 1970 minn Mons. Mikiel Anġ Apap. Din is-sena il-pedestall u l-istatwa ta' fuqu qed jiġu rrestawrati mill-ġdid minn Fr. Joe Calleja, Ġanni Muscat, Noel Muscat, Renzo Muscat, u Paul Vella, b'konsultazzjoni mal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi.

L-istatwa ta' Santa Margerita li tittella fuq il-pedestall inħadmet mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. L-istatwa kien ħallas għaliha Mons. Ġużeppi Farrugia li kien Arċipriet ta' Sannat qabel l-Arċipriet Cassar. Mons Farrugia, l-Arċipriet Cassar u Wistin Camilleri kienu ħbieb sew ta' xulxin. It-tlieta kienu studjaw flimkien is-seminarju. Meta darba waħda Mons. Farrugia kien qed jagħmel passiġġata, għadda sal-ħanut fejn kien jaħdem Wistin Camilleri. Wistin qallu li l-Arċipriet ta' Sannat kien tah il-fdal tal-istatwa ta' Santa Margerita li kien għamel Karlu Darmanin fl-1863 biex jirranġah. Din l-istatwa kienet damet tintuża sal-1890 meta l-Isqof kien ordna biex l-istatwa tiġi mibdula. Is-sena ta' wara kienet waslet statwa gdida minn Marsilja. L-istatwa qadima tefgħuha fil-kampnar tal-knisja u ħadd ma kien jagħti kasha sakemm l-Arċipriet Cassar ġietu l-ideja li jirranġaha. Imma meta Mons. Farrugia sema b'dan, qal lil Wistin biex jagħmel statwa gdida u li kien ser iħallasha hu stess. Fil-fatt hekk sar. Din l-istatwa bdiet tintuża fid-dimostrazzjoni li saret għal ewwel darba fl-istess sena. Id-dimostrazzjoni telqet mill-pjazza ta' quddiem il-knisja tal-Munxar għal Triq il-Kbira, Ta' Ċenċ sakemm waslet fil-pjazza ta' quddiem il-knisja. Hekk baqa' jsir għal bosta snin.